**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-vs-**

**Jean Pierre Caruana detentur tal-karta tal-identità 06191M**

Kumpilazzjoni Nru. 516/2010

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jean Pierre Caruana talli:

1. Fl-24 ta' Mejju, 2010, għall-ġabta tas-1:00am, ġewwa l-Belt Valletta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe` offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Darren Galea, skont ma ċċertifika t-tabib Dr M. Spiteri MD mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu strument jaqta' u bil-ponta, mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kap 480 (Att dwar l-Armi) tal-Liġijiet ta' Malta; u
3. Fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes, għajjat u ġlied jew b'mod ieħor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) u (dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Mejju, 2010, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-13 ta' Mejju, 2016.

Illi l-**Ispettur Pierre Micallef Grimaud** xehed kif kmieni filghodu tal-ghada ta' meta l-Belt hadu t-*trophy* fil-kampjonat tal-Football, kien hemm persuna, Darren Galea, li kien sofra griehi gravi f'darhu kawza ta' strument li jaqta u bil-ponta u kif sussegwentement gie mgharraf li l-parte leza kellu xi jghid mal-imputat.[1] L-Ispettur jghid li hu kien mar l-isptar fejn sab lil Galea li kien ghadu kemm gie operat u dan kien mill-ewwel infurmah li min aggredih kien Jean Pierre Caruana li bejniethom kien hemm storja antika dovuta ghall-pika li kienet ilha tezisti ghal madwar sentejn izda sa dak inhar tal-aggressjoni qatt ma kienu tkellmu. Ix-xhud jirrakonta li l-parte leza qaltlu *"Pero` dakinhar…. ghal xi raguni jew ohra gie fuqi, naf li hassejt daqqa go darahi u waqajt mal-art u ma nafx x'gara aktar…..Jien kull ma niftakar lil Jean Pierre gej fuqi, jaghtini daqqa u waqajt mal-art."* Meta gie mitkellem l-imputat dan kien innega li qatt ta xi daqqa lill-vittma u kien anke soffra xi griehi, fosthom gidma, fil-hin li kien fil-Valletta St. Paul's Bar, il-lok tas-sinistru. [2] L-imputat kien irilaxxa stqarrija fejn cahad li aggredixxa lil Galea b'xi strument bil-ponta izda ammetta li wara li kien qala daqqa ta' ponn f'rasu u f'wiccu minghand persuna/i injota/i, *"Ma nistax mghid minn tani d-daqqa, jien dak il-hin tajt daqqa ta' ponn lil Darren….Dan kien bil-wieqfa quddiemi….Ghax beda jimbuttani ukoll."*[3] Jghid li certu Joseph Galea kien gidmu fuq genbu. Minn din l-istqarrija l-Qorti mill-ewwel tinnota <u>l-aggressivita` tal-imputat li ghalkemm ma kienx jaf min tah daqqa, ghas-semplici fatt li kien hemm min beda jimbotta fir-rassa li kien hemm fil-bar, dan ghazel li jaggredixxi lill-Galea</u>, ghalkemm hu jghid li kull ma ghamel kien li tah daqqa ta' ponn. Jghid ukoll li jimbuttaw ukoll kien hemm nies ohrajn.[4] Itemm l-istqarrija tieghu *"Ma jistax ikun hemm provi ghax jiena ma tajtux. Tajtu daqqa ta' ponn u naf li go wiccu izda ma tajtu l-ebda daqqa ohra."*[5] Izda mix-xhieda tal-parte leza, Yanica Barbara u Joseph Galea, jirrizulta li **Darren Galea ma kienx wiccu lejn l-imputat izda darhu lejh u dan gie minn warajh!**

Illi **PS728 Brandon Borg** jixhed kif il-Pulizija kienet giet infurmata li kien inqala' argument kbir fi Triq il-Meditterran, quddiem il-Valletta St. Paul's, fejn hu kien mar flimkien ma PS14 Clayton Fiteni u tkellmu mal-parte leza u ma Joseph Galea li nfurmawhom li kienu gew attakkati minn grupp ta' nies. Darren Galea kien qalilhom li kien qala' daqqa bi strument li jaqta minghand

---

[1] Fol.26
[2] Fol.27-28
[3] Dok. PMG2 a.fol.8 et seq.
[4] Fol.9
[5] Fol.10

Jean Pierre Caruana. Dan gie kkonfermat aktar tard meta l-Isptar infurmaw lill-Pulizija li fil-fatt id-daqqa mgarrba minn Galea kien saret minn xi strument li jaqta`.[6] Ix-xhud eskluda li barra kien hemm xi hgieg u jtemm ix-xhieda tieghu billi jghid li mieghu hadd ma kien semma' mus u lanqas li kien hu li eleva xi mus.[7]

Illi **PS 14 Clayton Fiteni** filwaqt li kkonferma l-PIRS[8] redatt minnu xehed dwar dak li rrizulta mill-investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija.[9] Jidher li sa mill-bidu nett kemm Darren Galea kif ukoll Yanica Barbara kienu indikaw li l-imputat u huh bhala l-awturi tal-aggressjoni pero` sa dak il-hin ma kienx gie indikat specifikatament l-imputat bhala l-persuna li ferriet lil Galea bi strument li jaqta'. Jinghad ukoll li ghalkemm Barbara kull ma semmiet ma PS14 kien li Darren qala' daqqa ta' ponn mhemmx dubbju li dan tal-ahhar effetivament soffra *stab wounds*. Dan qed jinghad minn issa peress li l-Qorti ma tara ebda inkonsistenza f'dak li xehdu Galea u Barbara kif ssollevat mill-abbli difensur tal-imputat.Fil-fatt in kontro-ezami jippreciza li d-diskors li ntqal minn Darren kien li l-imputat u huh kienu marru fuqu tawh daqqa u waqawh mal-art waqt li hu kien qieghed fil-bar u dan meta hu ma kienx jaf ghaliex.[10] Fil-PIRS hemm indikat ukoll li PS728, wara li kien hemm telefonata anonima, kien eleva sikkina li nstabet fl-isprall tal-Iskola tal-Arti li tinsab fi Triq l-Ifran, izda <u>dan il-fatt gie michud fix-xhieda ta' PS728</u>.[11] F'din it-triq fil-fatt kienet tkompliet il-glieda meta minn vettura kien nizel Joseph Galea li hebb ghal certu Tikoda Debono. [12] Mill-istess rapport jirrizulta li meta ix-xhud tkellem ma certu Antoine Galea, mal-parte leza u Joseph Galea, f'daqqa wahda l-imputat kien dahal ghall-gharrieda u ta' daqqa b'xi haga li ma jfx x'kienet lil Darren Galea.

Illi **WPC28 Karen Azzopardi** tixhed li hi kienet qed tiehu drink fis-St. Paul's Bar u f'salt wiehed lemhet lil Darren Galea *"kollu dmija".[13]* Tghid li fil-bar kien hemm geggwigija ghax il-hanut kien mimli bin-nies u ma setghetx tara minn kien involut fil-glieda. Ix-xhud tghid li Galea kien ma genbhom *"qed nidhattu u f'daqqa wahda inqalghet konfuzjoni ma kienx hemm argumenti fl-ebda hin".[14]* Dwar l-imputat tghid li ma tafux izda taf li kien hemm huh mat-tfajla u *"kulhadd relaxed jiehu drink"[15]* Tikkonferma li t-tazzi li kienu qed jisservew fihom kienu tal-plastic u li ma semghet u rat l-ebda hgieg jinkiser jew li kien miksur mal-art.[16]

Illi **Mark Mallia** ddeskriva kif waqt li kien qed jiehu drink barra il-St. Paul's Bar intebah li kien gara xi haga xhin ra lil Darren Galea bid-demm. Jghid li

[6] Fol.68
[7] Fol.69
[8] Fol.73 et seq.
[9] Fol.153 et seq.
[10] Fol.155
[11] Fol.68
[12] Fol.163
[13] Fol.79
[14] Fol.80
[15] Fol.81
[16] Fol.83

Galea dak il-hin ma kellmux. Qabel kien rah jitkellem hekk kif hu beda jidhol jixtri xi drink. Ix-xhud ukoll jikkonferma li hu gie servut f'tazzi tal-plastic.[17]

Illi **Darren Galea**, il-parte leza jixhed li hu kien **b'darhu lejn il-bieb ta' barra** tal-hanut meta fid-daqqa u l-hin l-imputat dahal fil-hanut *"U ghal b'xejn b'xejn dan qabez fuqi tani b'xi haga daqqa go darhi tniggez zgur ghax inzilt u f'hakka t'ghajn gie huh qabez mieghu, dan lanqas biss kellimthom...**lanqas biss harist lejhom** u xejn u qomt mill-art kollni demm eh u qabdu u haduni l-isptar...Jien kont qed niehu drink ma shabi u dahal minn barra dan, dahal ghalija hu, qabez fuqi tani daqqa b'xi haga go darhi u nzilt [u], ghamilli zewg farretti go darhi....".* Mistoqsi mill-Qorti dwar il-fejn kien qed ihares u kif seta' jara lill-imputat galadarba jghid li kien qed itih darhu jispjega *"U zgur ghax b'darhi lejn il-bieb ta' barra, ...Ifhimni ma qabdx u waqjt, mbaghad s'intendi rajtu hu...Hassejt id-daqqa u dort sintendi mbaghad waqajt. Imbaghad gie huh jghinu u qabzu fuqi u tawni [u] kont ma l-art.....bis-sieq, bdew gejjin daqqiet minn kullimkien, ta' darhi hassejtha li kienet tingiza mhux daqqa ta' ponn...Gie minn warajja u ma stajtx nara x'kellhu f'idejh...Fil-konfuzjoni ma rajtx eh."*[18] Fl-ahhar mix-xhieda minn tieghu l-parte leza jghid li hu w l-imputat tlett snin qabel kellhom dizgwid bejniethom izda minn dakinhar qatt ma nqala xi tilwim bejniethom u huma baqaw semplicement ma jitkellmux; kien minghalih li kollox kien ghada u nhaffer. Jghid li ma jiftakarx jekk waqt l-aggressjoni l-imputat qalx xi diskors u kull ma sema' kienet *"dgegwigija".*[19]

Illi gie prezentat il-Case Summary minn fejn jirrizulta li Galea kien soffra *"stab wound in back, LCW in right middle finger".* Il-feriti nflitti kienu ta' *"4cm right para-vertebral and 2cm left paravertebral stab wounds; Right middle-finger had a 1cm LCW at the pulp of palmar aspect".*[20] Dan ma jhalli ebda dubbju li fil-fatt dawn il-'**lacerated wounds' gew inflitti minn strument li jaqta'.**

Illi **Yanica Barbara** li fi zmien is-sinistru kienet l-gharusa tal-parte leza xehdet li Darren Galea meta sehhet l-aggressjoni kien <u>darhu lejn il-bieb</u> *"..u fi ftit sekondi rajt lil Jean Pierre Caruana diehel mill-bieb sparat kellu xi haga f'idu ma stajtx ngharaf ghax fi ftit sekondi kien hemm u ta daqqa lil Darren u mbaghad konfuzjoni kbira u fl-istess waqt gie huh ukoll fuq Darren.".* Izzid li d-daqqa qalahha ***"Fuq dahru ghax kellu dahru ovvjament lejn il-bieb"***.[21] Ix-xhud tghid li hi kienet qed thares wiccha lejhom u *"<u>Darren kellu dargu lejhom</u> lejn Daniel Caruana u l-gharusa tieghu u bdejt narahom il-hin kollu qishom qed jistennew l-icken mossa taghna biex jaqilghu l-glied....beda qisu jahlef li speci sa jsir xi haga u mhux ha jsir....U' f'daqqa wahda u l-hin gie Jean Pierre Caruana direttament ghal glieda ghax ma kienx hemm hu."* Tikkonferma dak li kien qal Darren Galea li ma kienx sar xi diksors qabel bejniethom u anke hawn il-Qorti tirrimarka li x-xhud kieku riedet igieghel titwemmen aktar l-istorja ta' Galea setghet (kif *del resto* seta' jaghmel anke Darren Galea nnifsu) zewqet ix-xhieda taghha billi tghid li semghet diskors aggressiv indirizzat lejn Galea. Barbara

[17] Fol.86-87
[18] Fol.90-91
[19] Fol.92
[20] Dok.D a fol.95-96
[21] Fol.101

ukoll qatt ma tghid li rat xi strument f'idejn Caruana izda biss li dahal ***"Sparat b'xi haga f'idu, xi haga ma stajtx ngharafha pero'"***[22] Dwar l-agir ta' Caruana fil-hin tal-aggressjoni turi lil Qorti kif rat lill-imputat izzomm idejh u tispjega li *"kellu qisu mhux ponn hekk normali, wahda kienet normali u wahda kien qed izzomm xi haga. Qorti: Ok jigifieri kellu idejh is-swaba curled. Xhud: Bhal meta jkollok xi haga f'idek, xi haga zghira kienet, ma kienx flixkun li stajt nara x'inhi, pero` kellu xi haga ghax idu l-ohra dehret vojtha fhimt, ma stajtx nara x' inhi imma ghax ftit sekondi."*. Tkompli li Caruana kien ta d-daqqa b'idu il-leminija ***"ezatt kif tah id-daqqa huh Daniel Caruana gie l-istess fuqu,...****imbaghad ma stajtx insib lil Darren ghax kien tahthom."*[23] Aktar il-quddiem tixhed kif rat lill-imputat u huh, Daniel, jaghtu daqqiet ta' ponn lil Darren Galea waqt li dan kien midrub mal-art.[24] Tghid li kif irnexxiela tohrog lil Galea barra mill-hanut rat dmija ma darhu *"ghax l-ewwel dort ghal darhu ghax kont naf li l-ewwel daqqa hadha fuq darhu u ezatt x'hin ghaollejtlu l-flokk insiblu ferita kbira....F'nofs darhu kellhu tnejn wahda kbira u wahda zghira u minn hemm ikkonfermajt li jiena rajt sew mela li kellu xi haga f'idu ghax jien mill-ewwel dort ghal darhu".*[25]

Illi xehed ukoll **Joseph Galea** (li mill-PIRS jirrizulta li mhux hu l-parte leza[26]) li spjega kif dakinhar kien ma Darren Galea is-St. Paul's Bar fuq it-terrazzin barra. *"..**Darren Galea kien qieghed ihares darhu lejn il-bieb** ......u konna qeghdin normali nitkellmu u hekk u f'daqqa **u l-hin minnhom dahal Jean Pierre dahal jigri hekk ta daqqa lil Darren Galea ....Ma nafx x'kellu f'idu, tah daqqa, ghax jiena kont naqra l-boghod dak il-hin...kellu l-flokk kollu demm**."*[27] Joseph Galea ukoll jikkonferma lil-bieb tal-bar kien miftuh tant li seta jara lil Darren Galea li kien qed ihares lejn il-bar *"u mbaghad gie Jean Pierre waqghu flimkien mal-art."*[28] Dan ix-xhud jikkonferma li hu kien missier tarbija ta' oht l-imputat. Izid *"..jien kont qieghed fit-terrazin u siehbi qieghed fin-nofs tajjeb, imbaghad f'daqqa wahda dahal Jean Pierre, konna ilna hemm u kien hemm Daniel kien ilu hemm ukoll, **dahal Jean Pierre jigri mar fuq Darren u tah daqqa..Bla kliem xejn..Le xejn baqa' diehel fuqu...."***[29]Jghid ukoll li wara kienet inqalghet glieda ohra bejnu, Daniel Caruana u l-imputat *"Ghax marru fejn il-mama tieghi ovja u .....gew bis-sikkina.";* dan sehh ftit l-isfel fejn hemm il-Qanpiena l-Kbira.[30]

Il-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda li izda, ma rawx id-dinamika tal-glieda. Fost dawn **Celine Mallia** xehdet li ma rat lil hadd b'xi sikkina jew b'xi flixkun jew tazza mkissra.[31] L-istess jixhed **Mark Bonavia** li filwaqt li jghid li ma ra

---

[22] Fol.102
[23] Fol.103
[24] Fol.104
[25] Ibid.
[26] Dan jirrizulta li l-genituri tieghu u tal-parte leza huma differenti.
[27] Fol.132 et seq
[28] Fol.134
[29] Fol.137
[30] Fol.139-140
[31] Fol.145

ebda arma u ma jafx li kien hemm tkissir ta' flixken jew hgieg mal-art ra lill-imputat *"Fuq Darren, mal-art, jisarraw bejniethom."* jew hgieg mal-art. [32]

Illi **Alexia Curmi** xehdet li kienet giet inkarigata mill-Ispettur Investiggattiv sabiex tezamina lill-imputat minn fejn irrizulta li dan kien soffra gidma ta' 7cm tul u 6cm wisa', filwaqt li ma kellux griehi difensivi ghalkemm kellu barxiet zghar fuq idu l-leminija u barxa ta' 3cm fuq idu x-xellugija. L-imputat kellhu selha fuq in-naha tal-lemin ta' gismu, fuq wiccu, fuq ix-xedaq u fuq mohhu.[33]

Illi l-imputat ghazel li jixhed u minhabba li kien hemm bdil fil-Qorti kif preseduta, intlaqghet it-talba tad-difiza sabiex dan jerga' jaghti x-xhieda tieghu. L-ewwel darba li xehed dan spjega kif dakinhar tas-sinistru kien mar is-St. Paul's Bar li kien mimli nies u hemm ltaqa' ma huh u offrilu drink. Jghid li ra li kien hemm ukoll Joseph Galea li kien jafu bhala missier bin ohtu. Baqa diehel lejn il-bar meta ra l-klikka ta' Galea u hekk kif kien diehel *"jien hassejt lil xi hadd, kien hemm rassa ta' nies, kien hemm hafna nies.* ***Hassejt lil xi hadd jimbuttani minn wara u gejt quddiem Darren Galea...... xi hadd imbuttani minn wara lili u gejt quddiemu, mbuttani u tajtu daqqa ta' ponn go wiccu jiena.*** *U f'daqqa wahda kullhadd jaghti spiccajt ma' l-art jien nixxuttja lanqas naf kif spiccajt barra bid-daqqiet, gidmuni hawnhekk ghandi gidma hawnhekk."* [34] Lil <u>Darren Galea jiddeskrivih bhala l-*best friend* ta' Joseph Galea</u> u kien ghalhekk li ma kienx ikellmu. L-imputat jichad li ghamel xi griehi lil Darren Galea ***"ghax jien kont ghadni diehel u lanqas tazza ma kellhi f'idi.****....jiena zgur li zgur mhux jien ghamilthomlu..".*[35] Dwar il-gidma jghid li din saret minn Joseph Galea *"Le le le mhux Darren".*[36]

Meta jerga jixhed issemmi bosta xhieda f'dawn il-proceduri li jghid li kienu jiffurmaw parti mill-hbieb ta' Darren u Joseph Galea. Izid *"F'daqqa wahda x'hin dhalt rajtha r-rassa, nhoss lil xi hadd jimbuttani minn wara mall-ewwel, issa huma kienu hafna nies, jien bhal speci mall-ewwel intlift go fihom, imbuttawni,* ***mbuttani Darren, sibt lil Darren quddiemi mbuttani, u tajtu daqqa ta' ponn..... Imbuttani xi hadd minn wara, gejt quddiem Darren u mbuttani Darren..... Gejt quddiemu u mbuttani b'idejh it-tnejn. U jiena tajtu daqqa ta' ponn jiena hemmhekk."***[37] Ikompli jispjega *"kont ghadni diehel jiena kont sejjer nixtri drink xejn ma kelli f'idejja lanqas drink lanqas mobile jew xi haga xejn, xejn ma kelli f'idejja, idejja vojta kienet....<u>tazzi tal-plastic kellhom dakinhar.</u> Id-drinks kollha anki fuq Strada Rjali u hekk kollha tazzi tal-plastic bdew ituna kollha."*[38]

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax zewg fatti saljenti: il-parte civile jikkonferma kemm il-darba li hu kien daru lejn l-imputat xhin qala d-daqqa u dan

[32] Fol.149
[33] Fol.206. Vide ukoll rapport a fol. 208-215
[34] Fol.223
[35] Fol.225
[36] Fol.226-227
[37] Fol.242-243
[38] Fol.244-

jikkontrasta mad-dikjarazzjoni tal-imputat li jghid li Galea kien qed jimbuttah[39] u li hu kien tah daqqa ta' ponn f'wiccu[40] li jindika allura li Galea kien wiccu lejh u b'hekk ma setghax kien qed jimbottah! Fl-istess stqarrija Caruana kien aktar kmieni qal li Galea kien bil-wieqfa quddiemu[41] u ghalhekk anke fi kliemu stess qatt ma seta' kien li Galea kien qed jimbottah. Fatt iehor hu li kif jikkonferma anke l-imputat fil-bar ma kienux qed jigu servuti drinks fi fliexken jew tazzi tal-hgieg izda f'tazzi tal-plastic. Ghalhekk ma jifdalx dubbju li l-griehi li soffra Galea gew maghmula intenzjonalment u qatt ma setghu kienu konsegwenza tal-waqqa mal-art fejn seta' kien hemm xi hgieg!

Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Galea certament ghandha mis-sewwa; fejn Galea ma rax biex intlaqat ma vvintax stejjer, anzi jghid li ma kienx jaf biex gie aggredit kemm minhabba l-konfuzjoni li nqalghet kif ukoll minhabba li mat-tingiza li hass go daru hu waqa mal-art. Dan juri li Galea ma fittiex li jiffabrika xi dettal sabiex jaghti aktar kredibilita` lill-verzjoni tieghu. Ma hemm l-ebda inkonsistenza u dejjem ta l-istess verzjoni sa min meta tkellem mal-Ispettur Micallef Grimaud wara li kien gie operat. Ma tezisti ebda raguni ghaliex il-Qorti ma ghandiex tikkunsidra x-xhieda ta' Darren Galea bhala wahda li hi *safe and satisfactory*. Din ix-xhieda ta' Galea, fejn jigi indikat specifikatament l-imputat bhala l-aggressur tieghu tigi fil-fatt kkoroborata minn Yanica Barbara[42] u Joseph Galea.[43] Ghaldaqstant u ghal kull buon fini jinghad li ma jsibx applikazzjoni l-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali.

Mill-atti processwali ghalhekk jirrizulta li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova sal-grad rikjest bil-ligi l-ewwel u t-tielet imputazzjoni. Ma ngiebet ebda evidenza sabiex tissostanzja t-tieni imputazzjoni. Mhemmx dubbju li l-parte leza sofra daqqiet bi strument li jaqta' u li jniggez, li permezz tieghu l-parte leza sofra dawk li gew deskrtti bhala *"stab wounds"* u lacerated wounds *"LCW"*.[44] Illi dwar in-natura tal-feriti rrizultaw *"stab wound in back, LCW in right middle finger". .... "4cm right para-vertebral and 2cm left paravertebral stab wounds; Right middle-finger had a 1cm LCW at the pulp of palmar aspect"*.[45] Madanakollu minn imqien ma jirrizulta x'kien dan l-instrument u partikolarment jekk jinkwadrax taht l-Att dwar l-Armi. Jinghad ukoll li ma ngiebet ebda prova sabiex tissostanzja l-akkuza li l-ferita mgarrba minn Galea kienet wahda ta' natura gravi.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni mhux biss in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, partikolarment l-ewwel imputazzjoni, u l-fedina penali netta tal-imputat, izda ukoll tal-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal kwazi seba snin ilu meta l-imputat kien ghad ghandu biss 19 il-sena. Illum l-istess imputat hu missier b'impjieg fiss u ma jirrizultax li rega' xellef dufrejh mal-ligi. Ghalhekk piena karcerarja f'dawn ic-cirkostanzi mhux wahda idoneja.

---

39 Fol.9
40 Fol.10
41 Fol.9
42 Fol.101 et seq.
43 Fol.132 et seq.
44 Dok. D fol.95
45 Dok.D a fol.95-96

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 217, 221(2), 338 (m)(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, tilliberah mit-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal hdax il-xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sittax il-xahar.

Inoltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Darren Galea ghal zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**